# Katina Karmelitana

Nru. 25 Terzjarji Karmelitani Żurrieq Jannar - April 2015


## Marija Omm Alla, Ommna u Sultana tal-Paċi

Il-Knisja Kattolika għadha kif fakkret l-ewwel miġja ta' Sidna Ġesù Kristu bħala bniedem fostna, permezz tal-Gran Verġni Marija. Fl-erbgħa ġimgħat ta' qabel il-Milied, fl-Avvent, ppreparajna ruħna u permezz ta' talb u ċelebrazzjonijiet oħra, stennejna it-twelid ta' Gesù tarbija flimkien ma' Marija Santissima. X'misteru kbir hu dak tat-tiswir tal-Iben t'Alla fil-ġuf safi ta' Marija bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Li tkun omm u tagħti l-ħajja lil xi ħlejqa diġa hi xi ħaġa kbira imma li tkun Omm Alla hi xi ħaġa tal-għaġeb. Marija Omm Alla, u hekk hu, l-knisja tmur tagħżel propju l-ewwel jum tas-sena biex fih tiċċelebra u teżalta lil Madonna bħala Omm Alla.



U kemm ħabbna dan Alla, meta minn fuq is-salib mar jagħti lilna, lil ommu bħala ommna. Marija mnissla sa minn ġuf ommha bla ebda tebgħa tad-dnub, timtela bil-grazzja ta' Alla u tintelaq f'idejH biex isir minnHa dak li ried Hu. Marija li żammet f'qalbha dak kollu li kien imħabbar lilha. Marija li qatt ma tkellmet jekk mhux biex tagħmel il-ġid u tagħti l-għajnuna. Eżempju ċar kien it-tieġ ta' Kana u min jaf kemm il-darba il-Marija Singulari daħlet għalina quddiem Alla. Tisma ġrajjiet





fejn kien hemm l-id ta' Marija li tat l-għajnuna lilna l-bnedmin u tagħraf l-imħabba kbira li din il-mara speċjali għandha lejna bħala wliedu.

U l-Knisja tmur tfakkar ukoll fl-ewwel ta' Jannar, Jum il-Paċi. U min aktar minn Marija, wissietna kemm il-darba biex nitolbu u nersqu lejna Alla biex fid-dinja jsaltan il-paċi. Tinżel mis-sema biex twasslilna dawn it-twissijiet. Imħabba ta' veru omm. Marija Omm Alla, Ommna u Sultana tal-Paċi, itlob għalina.

**Cettina Zahra**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Is-sena t-tajba mimlija hena, barka u risq lil kulħadd. Nixtiequ li din is-sena tagħmlu mpenn biex tattendu għal-laqgħat u l-irtiri li jsiru għax b'hekk inkunu nistgħu aktar ngħixu l-ħajja spiritwali Karmelitana. F'April jibdew l-Erbgħat tal-Udjenza tal-Madonna u bħal snin oħra nisperaw li tattendu bi ħġarkom. Nippruvaw nagħmlu ftit ħin adorazzjoni kuljum quddiem Ġesù Sagramentat. Qegħdin niġbru l-abbonament fir-rivista l-Karmelu. Min jixtieq jabbona mill-ġdid jista javviċina lili. Il-prezz huwa ta' €5 għal sena.

Saħħa u l-Madonna tberikna.

**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Jannar – April 2015

### Laqgħat Marjani

- **L-Erbgħa 7 ta' Jannar 2015**
- **L-Erbgħa 4 ta' Frar 2015**
- **L-Erbgħa 4 ta' Marzu 2015**

Il-laqgħat jibdew fil-5:00pm fiċ-Ċentru Pastorali bir-reċita tar-Rużarju. Wara jkun hemm il-Quddiesa. It-Terzjarji kollha huma fid-dmir li jattendu.

### Laqgħa Soċjali

**Nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2015,** ser issir laqgħa soċjali f'St. Martins il-Baħrija. **Il-private titlaq minn ħdejn l-iskola fid-8:45am**. Ikollna quddiesa, te/kafe u tombla. Prezz €8.

### Irtir ta' ġurnata

**Nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015** ser isir irtir ta' ġurnata għand il-membri Ulied Marija Ewkaristika f'Ħaż Żebbuġ. Il-private titlaq minn ħdejn l-iskola fid-8:45am. Il-ħlas, li jinkludi te/kafe, trasport u l-ikla ta' nofsinhar huwa ta' €17.

### Nofs ta' nhar Irtir

**Nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu 2015** ser isir irtir. Id-dettali jingħataw iktar il-quddiem.





## *Sejħa lill-Madonna*



***Marija, Xebba Setgħana;***
***Inti, sur qawwi u għoli fil-Knisja.***
***Int għajnuna waħdanija***
***tal-Insara;***
***Inti, tal-biżgħa bħal eżerċtu***
***mħejji għat-taqbida.***
***Inti waħdek għelibt kull qerq***
***fid-dinja kollha;***
***Inti fid-dwejjaq,***
***Inti waqt it-taqbida,***
***Inti, fil-ħtiġijiet tagħna, ħarisna mill-***
***għadu u fis-siegħa tal-mewt, ilqagħna***
***fil-hena ta' dejjem.***
***Amen.***

***S. Gwann Bosco***